# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Gunju 2001**

**Numru 41**

**Citaz.  numru 1026/87 DS**

Paul Vella

vs

Michael Bonanno

Illum, 25 ta' Gunju 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Dicembru 1987 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti kienu nvoluti f'incident awtomobbilistiku li okkorra fis-sittax ta' Settembru 1987 ghal-habta tas-6.30 a.m. f'Manikata Road, Manikata, u dan meta l-attur kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Isuzu

numru ta' registrazzjoni A2403, fil-waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura Truck Bedford numru ta' registrazzjoni R3780;

Illi l-konvenut huwa esklussiviment responsabbli ghal mod kif okkorra l-imsemmi incident awtomobbilistiku u dan stante li huwa kien qieghed isuq b'negligenza, imperizja u b'inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi l-konvenut gie inutilment interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas tad-danni permezz tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Novembru 1987;

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenut esklussivament responsabbli ghall-incident awtomobbilistiku inkwistjoni u dan peress li kien qieghed isuq il-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni R-3780 b'negligenza, imperizja u b'inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni A-2403 b'kawza tal-imsemmi incident awtomobbilistiku u

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur kull sommom hekk likwidati mill-prezenti sal-pagament effettiv akkuzi il-hlas ta' imghaxijiet;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Novembru 1987 u tal-mandat ta' qbid datat 23 ta' Dicembru 1987 u bil-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-kollizjoni in kwistjoni grat unikament tort u htija tal-istess attur billi naqas jghati d-dritta lill-eccipjent u saq bi speed eccessiv.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

L-eccipjent jipprevalixxi ruhhu mit-talba attrici sabiex jaghmel kontro talba ghal pretensjonijiet tieghu.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn wara li ppremetta:

1. Billi fis-16 ta' Settembru 1987 ghal xi s-6.30 a.m. f'Manikata Road, Manikata, Paul Vella fil-waqt li kien qieghed isuq il-van Isuzu Numru A-2403 minhabba imprudenza, negligenza u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tat-traffiku habat fit-Truck numru R-3708 misjuqa minn Michael Bonanno u kkagunalu hsara ingenti.

2. Billi l-imsemmi incident gara unikament htija tal-istess Paul Vella minhabba sewqan eccessiv u minhabba l-fatt li naqas jghati d-dritt lil Michael Bonanno li dak il-hin kien hiereg minn parti dejqa ghal parti wiesgha tat-triq.

3. Billi l-istess Paul Vella naqas jaghmel tajjeb id-danni sofferti mill-istess Bonanno.

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-istess Paul Vella bhala unikament responsabbli ghal kollizjoni li grat fis-16 ta' Settembru 1987 f'Manikata Road, bejn il-van numru A-2403 misjuq minn Paul Vella u t-truck numru R-3780 misjuq minn Michael Bonanno.

2. tillikwida d-danni sofferti mill-istess Michael Bonanno bhal konsegwenza tal-imsemmi incident.

3. Tikkundanna lil Paul Vella jhallas lil Michael Bonanno l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni.

Bl-ispejjez kontra l-imsemmi Paul Vella.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat fejn qal:

1. Illi t-talbiet tal-konvenut Michael Bonanno huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt stante li l-kollizjoni li okkorriet fis-16 ta' Settembru 1987 ghal xi s-6.30 a.m. bejn il-vetturi in kwistjoni f'Manikata Rd., Manikata giet esklussivament minhabba l-konvenut Michael Bonanno kif ser jigi dettaljament provat fil-kors tal-kawza odjerna.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-23 ta' Marzu 1988 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Alex Perici Calascione bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-

fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat li, nonostante li l-perit legali pprezenta r-relazzjoni tieghu dan baqa' ma thallasx u ghaldaqstant ma giex pubblikat u l-Qorti ghaddiet biex tippronunzja din is-sentenza fuq il-provi migbura mill-perit legali izda minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tieghu;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda kollizjoni li grat fi Triq il-Manikata, Manikata, bejn van Isuzu numru A-2403 li kien misjuq mill-attur u truck Bedford numru R-3780 misjuq mill-konvenut.

Mill-verbal ta' l-access li nzamm fil-31 ta' Mejju 1988 jirrizulta li ghal dak li jirrigwarda t-tul, mill-parti ta' Manikata Road li fiha kien gej il-konvenut, qabel ma tasal ghall-parti l-wiesa', hemm zewg arbli, wiehed tal-hadid u wiehed tal-injam. Bejn l-arblu tal-hadid u dak tal-injam hemm 21' u mill-arblu tal-injam sal-bidu tal-parti l-wiesa' tat-triq hemm 59'. Il-parti l-wiesa' tat-triq tibda minn fejn hemm rampa zghira fuq in-naha tal-lemin hekk kif thares 'il fuq lejn il-Manikata u tibqa' sejra 'l isfel ghal 64'. Ghal dak li jirrigwarda l-wisa', it-triq sew qabel kif ukoll wara l-parti l-wiesa'' ghandha wisa' ta' cirka 13' mentri fil-parti fejn titwessa hija in gran parte wiesa' cirka 22'. Gie konstatat li l-van tal-attur huwa wiesa' 5'4" mentri t-truck tal-konvenut huwa wiesa' cirka 7'6". Gie rilevat ukoll li d-daqqa tal-konvenut kienet fuq quddiem nett tat-truck bi dritt mal-

isteering wheel, mentri dik tal-attur kienet ukoll fuq quddiem nett man-naha tas-sewwieq mix-xibka ‘l hemm.

Matul l-access id-difensur tal-konvenut talaba li tigi rilevata l-vizwali twila ghal distanza konsiderevoli minn hafna qabel il-parti l-wiesa’ ghal hafna wara fejn it-triq hija piu` o meno fid-dritt; irrileva inoltre li t-truck tal-konvenut kien qieghed jigi misjuq mill-parti d-dejqa tat-triq ghal gol-parti l-wiesa’. L-attur indika l-parti tat-triq fejn sostna li gara l-incident u qal li hu fl-ebda mod jew hin qabel l-impatt ma lemah lill-konvenut gej.

Mill-provi migjuba mill-partijiet irrizulta li meta gara l-incident kien hemm xi cpar li certament seta’ effettwa l-vizwali taghhom. Jirrizulta wkoll li z-zewg partijiet joqoghdu l-Manikata u ghalhekk huma midhla tat-triq fejn grat il-habta.

Dwar l-incident **l-attur** xehed li huwa kien qed isuq bid-*dipped headlamps* bi speed ta’ inqas minn ghoxrin mil fis-siegha u kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq ghalkemm it-triq mhix wiesa’ hafna, kemm ighaddu zewg vetturi. Huwa qal li qabel l-impatt ma ra xejn u kull ma jaf li hass daqqa kbira fuq in-naha tieghu. Qabel il-habta la ra dawl u lanqas sema’ xi horn. Huwa ma zamm l-ebda brake izda qal li nnota li l-konvenut kellu xi brake marks. Peress li kien ic-cpar ma setax ikun jaf ezatt f’liema parti tat-triq kien ghaddej jekk hux fil-parti wiesa’ jew dik id-dejqa. Imbaghad qal li lill-konvenut fl-ebda mument ma rah hlief ftit sekondi qabel l-impatt. U kompla jghid li l-konvenut kien ghaddej bid-dritt tieghu u malli lemhu l-konvenut kiser.

In kontro-ezami l-attur qal li kien qed isuq b’xi hmistax-il mil fis-siegha u kien ghaddej *free* fil-wita. Ma jiftakarx kemm seta’ jara quddiemu fit-tul

imma meta ra lill-konvenut dan kien inqas minn tul ta' karrozza 'l boghod. Sostna li l-konvenut kien gej bi speed aktar gholi minn tieghu. Qal li ma rax lill-konvenut qabel ghax il-konvenut ma kellux dawl. Bid-daqqa l-vettura tieghu tkaxkret lura.

**Il-konvenut** xehed li hu kien gej mill-parti d-dejqa tat-triq diehel fil-parti l-wiesa'. Kif qed jaqbad il-parti l-wiesa' ra lill-karrozza l-ohra gejja qiesha bomba. Huwa kien fuq in-naha tieghu tat-triq u kompla jidhol fil-wiesa' u fid-daqqa u l-hin il-konvenut gie u habat mieghu. Ra lill-attur hiereg minn goc-cpar bejn 60' u 70' 'il boghod minnu. Ra l-*windscreen* tal-attur kollha nida. Mal-habta l-vettura tal-attur marret ftit lura u spiccat daqs nofsha aktar fuq ix-xellug taghha. Il-konvenut qal li hu u niezel qabel il-habta ma kienx fic-cpar izda kellu s-side lamps jixghelu. Wara l-habta ghadew xi vetturi ohra mix-xellug tal-vettura tal-attur.

In kontro-ezami qal li qabel il-habta kien ezatt bejn il-parti d-dejqa u l-parti l-wiesa' tat-triq. Kien miexi bikl-mod u waqaf meta ra lill-attur diehel fuqu. Fil-mument li waqaf, l-attur kien xi ghoxrin pied 'il boghod minnu. Il-horn ma daqqu fl-ebda mument. Sussegwentement qal ukoll li ma rax dwal fil-vettura tal-attur.

Xehed ukoll **Emmanuel Vella**, hu l-attur li kien riekeb mieghu fil-hin tal-incident li qal li qabel l-impatt la sema' hoss u lanqas ra dawl ta' min kien gej. Huwa kkalkola li kienu mijin b'xi ghoxrin kilkometru fis-siegha u kienu bejn hames u sitt piedi maqlugha mill-hajt fuq in-naha tax-xellug. Bid-daqqa l-vettura taghhom tmexxiet lura. Dak il-hin kienu dehlin mill-parti wiesa' ghall-parti dejqa.

**Grezzju Vella**, prodott mill-attur, qal li qabel l-incident ra lill-attur ghaddej bid-dawl u semghu jdoqq il-horn. Meta sema' l-habta mar fuq il-post. Huwa qal li l-habta grat fl-ghonq tat-triq bil-konvenut li kien diga` telaq il-parti d-dejqa u kien ezatt fil-bidu tal-parti l-wiesa'. It-truck kien imgenneb b'mod li kienu jghaddu tliet persuni bejnu u l-hajt. Waqt li kien hemm pero` ghadda Land Rover minn fuq ix-xellug tal-van tal-attur. It-truck kellu sinjal ta' brakes warajh daqs xi tnax-il pied tul. Fejn gara l-incident kien hemm cpar bl-ghama. In kontro-ezami qal li wara l-van tal-attur kien hemm brakemarks twal daqs nofs il-van.

**Raymond Bonanno** u **Carmelo Bonanno**, gew fuq il-post wara l-incident u t-tnejn ikkonfermaw li kienu saqu l-vettura taghhom, Land Rover u Transit bil-kaxxa rispettivament, minn fuq ix-xellug tal-vettura tal-attur.

Huwa l-obbligu ta' kull sewwieq li jzomm " **a proper look-out**" sabiex ikun jista' jara dak kollu li hu "**in plain view**". Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jiccita s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl-ismijiet *Neuhaus vs Bastion Insurance Co. Ltd.* (1968 – (S.A. 398 (AD)) fejn dik il-Qorti qalet:

> *"Keeping a proper look-out means more than looking straight ahead; it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side…."*

Il-partijiet f'din il-kawza kienu qeghdin josservaw dan l-obbligu taghhom?

Fl-ewwel lok jinghad li l-attur ma kienx xejn car u konvincenti fix-xiehda tieghu. Difatti l-ewwel ighid li ma ra xejn qabel l-impatt imbaghad jikkontradici lilu nnifsu u jghid li ra t-truck ftit sekondi qabel l-impatt imbaghad li rah meta kien inqas minn tul ta' karrozza boghod minnu. Huwa minnu li kien ic-cpar izda t-truck hija vettura ferm ikbar minn dik tal-attur, it-triq tippermetti vizwali fit-tul, u l-konvenut xehed li kien ra lill-attur gej minn certa distanza boghod minnu. Mela ghaliex l-attur ma rax lill-konvenut qabel? Forsi ghax kellu l-windscreen imtappan bic-cpar li kien? Jekk inhu hekk kien certament obbligat jiehu l-mizuri mehtiega biex ikun jista' jara sew minn gol-windscreen u jimxi *dead slow*. L-attur xehed ukoll li kien ghaddej fuq in-naha tieghu tat-triq izda l-provi juru mod iehor. Difatti sahansitra l-passiggier tieghu stqarr li kienu maqlughin xi hames jew sitt piedi 'l barra mill-hajt. U rrizulta li wara l-incident xi vetturi ghaddew minn fuq ix-xellug tieghu. Nonostante li l-attur stess ighid li huwa familjari mat-triq fejn gara l-incident, huwa qal li ma setax ikun jaf ezatt f'liema parti tat-triq kien ghaddej jekk hux fil-parti l-wiesa' jew dik dejqa – raguni aktar biex jara li qieghed isuq kompletament fuq in-naha tieghu tat-triq.

Hemm punt iehor li l-konvenut jirreferi ghalih fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, u cioe` l-artikolu 85 (illum l-artikolu 101) tal-Highway Code li jipprovdi:

> *"When two vehicles going in opposite directions meet in a narrow stretch of road, unless signs indicate otherwise, the one nearest to the wider part of the road must reverse to let the other vehicle pass."*

L-attur sostna li kullimkien f'din it-triq ighaddu zewg karrozzi f'daqqa, anke fil-parti dejqa. Pero` dan ma jezimiehx mir-responsabbilta` li josserva l-imsemmi artikolu aktar u aktar meta wiehed iqis li l-attur huwa certament konxju tal-fatt li minn dik it-triq ma jghaddux biss karrozzi izda anke vetturi ta' kull daqs. Ghalhekk l-attur kellu l-obbligu li jkun attent ghal liema parti tat-triq kien ghaddej minnha u galadarba kien jinsab fil-parti wiesa', jaghti precedenza ghat-traffiku li jkun hiereg mill-parti d-dejqa, f'dan il-kaz it-truck misjuqa mill-konvenut. U jekk kienu jghaddu t-tnejn biswit xulxin, aktar raguni, minhabba d'djuq tat-triq, biex l-attur isuq kemm jista' jkun vicin il-hajt tax-xellug tieghu.

Jigi osservat ukoll li d-daqqa ma kenitx wahda zghira. Dan jindika velocita` pjuttost elevata ghal-lokalita` u ghac-cirkostanzi partikolari. Il-konvenut stqarr diversi drabi li fil-mument proprju tal-impatt huwa kien lehaq waqaf. Il-Qorti tqis aktar verosimili din il-verzjoni tal-konvenut. Difatti x-xiehda tal-attur stess turi dizattenzjoni ghal dak li kien qed jigri fit-triq, l-ebda tentattiv biex jirreagixxi (jekk verament ra lill-kovenut) u velocita` li, ghalkemm probabilment entru l-limiti permessi mil-ligi, mhux baxxa bizzejjed biex setghet tippermettilu jagixxi u wisq inqas jirreagixxi tempestivament.

Kif diga` sottolineat, minhabba c-cirkostanzi kif impingijin mill-attur stess kien imissu kien qed isuq *dead slow*, kellu jkun konxju tal-pozizzjoni tieghu fit-triq, kellu jkun attent ghal dak li hemm fil-vicinanzi tieghu, u kellu jaghti precedenza lill-konvenut biex jispicca l-passagg tieghu mill-parti d-dejqa ghall-parti l-wiesa' tat-triq.
Bhalma l-konvenut ra lill-attur gej, l-attur kien imissu ra lill-konvenut gej. Il-kawza prossima tal-incident kienet id-dizattenzjoni tal-attur. Ghalhekk il-Qorti ma tara l-ebda kontributorjeta` da parti tal-konvenut.

Ghaldaqstant l-attur ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghall-hlas tad-danni sofferti mill-konvenut.

In sostenn tal-pretensjoni tieghu l-konvenut esebixxa Dok. MB1 sa MB8 ammontanti komplessivament ghal Lm45.39. Inoltre mis-survey report jirrizulta li kienet tinhtieg spiza ta' Lm50 ghax-xoghol u Lm50 ghal spray. Is-somma indikata fis-survey report ta' Lm30 ghal mechanical work mhix se tigi kkunsidrata peress li mad-dokumenti fuq imsemmija ma giet esebita l-ebda rcevuta f'dar-rigward. Meta esebixxa dawn id-dokumenti l-konvenut qal ukoll li kellu jesebixxi rcevuta ohra tat-towing u li x-xoghol li kien ghad baqa' fuq it-truck kien li jiffittja gabina gdida li xtara. Dwar dawn ma esebixxa l-ebda rcevuta izda l-Qorti tqis li huwa gustifikat li tigi likwidata s-somma ta' Lm100 ghal xoghol u spray kif rapportat fis-survey report, spejjez kompatibbli mad-danni li sofra l-konvenut u li fi kwalunkwe kaz ma rrizultat l-ebda kontestazzjoni dwarhom.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici, tilqa' l-kontro-talbiet tal-konvenut, u ghalhekk

(1) tiddikjara lill-attur Paul Vella unikament responsabbli ghall-kollizjoni li grat fis-16 ta' Settembru 1987 f'Manikata Road bejn il-van numru A-2403 misjuq minnu u t-truck numru R-3780 misjuq mill-konvenut Michael Bonanno,
(2) tillikwida d-danni sofferti mill-istess Michael Bonanno fl-ammont ta' Lm145.39, u

(3) tikkundanna lil Paul Vella ihallas lil Michael Bonanno l-ammont hekk likwidat ta' Lm145.39.

Bl-ispejjez kontra l-istess Paul Vella.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur